Ref: 13/6/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru. 13 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivvi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-knisja, Paola nhar il-Hamis 22 ta' Novembru 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri,il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio w il-kunsillier Tyrone Muscat.

Kien hemm prezenti wkoll l-iskrivana Alison Panzavecchia.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .9 tas-Sitt Legislatura**

**Korrezzjonijiet**

1.1 – Re: Item 4.4 – Il-Kunsillier Axisa qal li hu ma qalx hekk, ma jiftakarx li qal dan il-kliem.

1.2 – Re: Item 5.3 – trid tinbidel il-kelma x'ser isir u minflok trid tigi x'jista' jsir.

1.3 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Minuti tal-Laqgha Nru .10 tas-Sitt Legislatura**

**Materji Konnessi**

1.4 – Re Item 1 – Is-Sindku qal li hu w is-Segretarju kellhom laqgha mal-PPCD dwar xi tibdil fit-tender ESF, Training the Trainers u qabel ma jerga' johrog dan it-tender ser nahdmu mal-PPCD biex ma jkunx hemm problemi ghall-dawk il-persuni li ser jghallmu fil-habs.

1.5 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Laqgha Nru .11 tas-Sitt Legislatura**

1.6 – Is-Sindku qal li din il-laqgha ma saritx ghax ma kienx hemm quorum.

**Minuti tal-Laqgha Nru .12 tas-Sitt Legislatura**

**Korrezzjonijiet**

1.7 - Re: Item 2.5.3 – irid jizdied il-kliem 'il-Kunsillier Axisa fakkar ukoll li kellha ssir laqgha generali mar-residenti ta' Triq il-Qalb ta' Gesu', u s-Sindku qal li ser issir diskussjoni meta ser nibdew il-proceduri fuq *time parking'*.

1.8 – Re: Item 2.6 – irid jizdied il-kliem 'li jiggedded il-kuntratt tal-GreenPak'.

1.9 – Re: Item 2.8 – irid jizdied il-kliem 'dan qieghed hemm bil-permessi kollha necessarji u l-ligi tghid li dawn ghandhom ikunu armati 50 metru 'l boghod minn xulxin u l-Kunsill Lokali Paola ma sab l-ebda oggezzjoni biex dan ikollu arlogg tad-dawl u dan jigi rivedut kull 6 xhur'.

1.10 – Re: Item 2.13.2 – ghandu jinbidel il-kliem is-Segretarju Ezekuttiv u minflok isir il-Kunsillier Attard.

1.11 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Materji Konnessi**

1.11 - Il-Kunsillier Attard qal li hu kien assenti apposta ghax kien infurmat jumejn biss qabel il-laqgha.

1.11.1 -Is-Sindku qal li baghat l-avviz ghal-laqgha lill-kulhadd 6 ijiem qabel.

1.11.2 -Il-Kunsillier Attard qal li huwa ma rcieva xejn u li huwa s-Segretarju li suppost ghandu jibghat l-agenda ghax hekk titlob il-ligi.

1.12 – Re: Item 2.11.1 – Is-Sindku qal li hu baghat ittri lir-residenti ta' Triq il-Foss u qal li ma kienx hemm oggezzjonijiet u ser nipprocedu.

1.13 – Re: Item 2.9 u Re: Item 5 – Is-Sindku qal li saru 2 *interviews*, tal-*clerk* u tal-iskema ta' mpjieg inklussiv fil-komunita'. Hu kompla jghid li fl-interview tal-*clerk*, fil-bord ma kienx hemm qbil u ghalhekk ma ntaghzel hadd u fl-interview l-iehor, il-bord ippropona li tintaghzel Ms.Vincenza Bonnici u li din il-persuna tigi mhallsa kollha mill-gvern.

1.13.1 – Il-Kunsillier Attard qal li filwaqt li hu ma jsib l-ebda oggezzjoni li tintaghzel Ms Bonnici, qal li rridu naraw xi tghid il-ligi, ghax jekk kien hemm decizjoni tal-Kunsill,din ma tistax tinbidel qabel 6 xhur. Dan ghandu jigi kkonfermat mas-Segretarju Ezekuttiv.

1.14 – Re: Item 10 u Re: Item 2.5.2 – Is-Sindku qal li nhar il-Gimgha kien hemm laqgha mar-residenti ta' Triq Kordin u dawn kollha qabblu li ssir.

1.14.1 – Il-Vici-Sindku qal li ma jafx ghaliex dan ma bediex mill-qalba tar-rahal u fejn l-aktar hemm problemi bhal fi Triq il-Qalb ta' Gesu u li din it-triq baqghet bil-problemi ghar-residenti.

1.14.2 – Is-Sindku qal li hu kemm-il darba ghamel rapporti lill-pulizija.

1.14.3 – Il-Vici-Sindku qal li jekk naraw li qed ikun hemm l-abbuzi, jekk ma naslux mal-pulizija, ghandna nirraportaw lill-Kummissarju. Hu zied jghid li anke fi Triq Bormla hemm bzonn li jsir xi haga ghax filghaxija specjalment qed ikun hemm hafna storbju u dan qed johloq inkonvenjent kbir ghar-residenti.

1.14.4 – Is-Sindku qal li meta ser ikollu l-laqgha mas-Supretendenta, jistghu jattendu l-Kunsilliera wkoll.

1.15 – Re: Item 2.13.4 - Il-Kunsillier Attard qal li hu qed ihoss li l-kunsillier Axisa qed jirreferi ghalih u qal li hu qatt ma ha decizjoni minghajr ma nforma lill-Kunsill. Il-Kunsillier Attard ipprezenta *e-mail* fejn mibghuta mill-Kunsillier Axisa qabel ma saret il-laqgha tal-Kunsill, u fejn l-istess Kunsillier kien qed jinforma lis-Segretarju li hu kien sejjer Helsinki. Dan kien ifisser, li d-decizjoni ta' min jitla' kienet diga' ttiehdet qabel ma kien hemm il-laqgha tal-Kunsill. Dan, skond il-Kunsillier Attard kien konferma ta' dittatura.

1.15.1 – Il-Kunsillier Axisa qal li hu ma kienx qed jirreferi ghall-Kunsillier Attard, izda ghal kulhadd. Hu talab lill-Kunsillier Attard biex jirreferi fejn il-kunsillier Axisa qed jghid ghalih.

1.15.2 – Il-Kunsillier Attard staqsa minn fejn ser ngibu l-fondi biex ma nitilfux il-flus. Ghamel *budget estimate* waqt il-laqgha, fejn dan gie pprezentat mill-Kunsillier Attard.

1.15.3 – Il-Kunsillier Axisa staqsa kif min kien responsabbli minn dak id-dekasteru ma gibidx l-attenzjoni qabel dwar dan.

1.15.4 – Il-Kunsillier Attard zied jghid li hu fl-ebda hin qatt m'approva l-finanzi.

1.16 – Re: Item 9 – Il-Kunsillier Attard qal li ma jahsibx li hemm finanzi biex isiru t-toroq.

1.16.1 – Is-Sindku qal li hemm €75,000 qeghdin hemm u qal li hu tkellem mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nkunu nistghu naghmlu t-toroq kull sena u mhux kollha f'daqqa minhabba l-finanzi. Hu zied jghid li mhux ser isiru t-toroq u jitfa' l-finanzi tal-Kunsill f'riskju.

1.17 - Il-Kunsillier Attard hareg mil-laqgha fis-7.25pm.

1.18 - Il-Kunsillier Muscat hareg mil-laqgha fis-7.30pm.

1.19 – Il-Vici-Sindku spjega dwar it-toroq tal-PPP u qal li hemm flus biex isiru ghax kienu thallew mill-Kunsill precedenti apposta. Hu qal li hu personali kien imur ghand il-Ministri responsabbli biex igib il-permessi kollha necessarji biex dawn it-toroq isiru.

1.19.1 – Il-Vici-Sindku kompla jghid li hu mhux qed jattendi ghal-laqghat tal-Kunsill minhabba li ghandu problemi ta' mard fil-familja.

1.19.2 – Il-Kunsilliera Delezio wriet is-solidarjeta' mal-Vici-Sindku u offrietlu kull ghajnuna.

## 2) **Korrispondenza**

2.1 – Ittra mis-Sur Silvio Zammit – Is-Sur Zammit f'isem *Circus Events* baghat ittra dwar uzu temporanju ta' art gewwa Rahal Gdid fejn talab permess biex jarmaw ic-cirku fl-art li tmiss ma' Vjal St.Lucia u Triq Garibaldi mill-10 ta' Dicembru 2012 sas-6 ta' Jannar 2013.

2.1.1 – Il-Kunsillier Axisa qal li hu qed jastjeni ghaliex jahseb li filwaqt li jkun hemm xi residenti li jistghu jibbenifikaw minn dan, tista' tkun ukoll ta' diffikulta' u nkonvenjent ghal ohrajn u allura qed jastjeni.

2.1.2 – Wara diskussjoni, gie deciz li tintbaghat ittra lis-Sur Zammit fejn il-Kunsill Lokali Paola ma jaqbilx ghax dan mhux il-post addattat fejn jintrama' c-cirku.

## 3) **L.E.S**

3.1 –Is-Sindku qal li rcevejna korrispondenza mir-Regjun Xlokk dwar l-ammont ta' €15,989.83 li gew depozitati fil-kont tal-kunsill u li huma dovuti lir-regjun u li ghandhom jithallsu sat-30 ta' Novembru 2012.

## 4) **Attivitajiet tal-Milied**

4.1 – Dan l-item ser jigi diskuss fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

## 5) **Attivita'/Tifkira 20 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali Paola (2014)**

5.1 – Dan l-item ser jigi diskuss fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

## 6) **Laqgha rigward Trasport Pubbliku**

6.1 – Dan l-item ser jigi diskuss fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

## 7) **Skeda ta' Pagamenti**

7.1 – Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti li tammonta ghall-€88,198.32.

7.1.1 – Re: cekk nru 4764 -Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ghaliex hareg issa dan ic-cekk. Is-Sindku qal li dan il-persuna kien tilef ic-cekk u ghalhekk kellna nohorgu cekk iehor.

7.1.2 –Re: cekk nri 4831, 4832, 4833, 4834, 4835 - Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dawn il-kontijiet tal-ARMS Ltd u qal li qed jara diskrepanza fl-ammonti. Sar qbil li dawn jigu ccekkjati u ghalissa jinzammu *on-hold*.

7.1.3 – Re: Cekk nru 4837 – Il-Kunsillier Axisa qal li dawn il-flus tal-EU *meeting re youths reception* ser jigu *refunded*.

7.1.4 – Il-membri prezenti approvaw il-pagamenti l-ohra.

**8) Aggornament**

8.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 6 ta' Dicembru 2012 fis-6.00pm.

Approvati llum ______________________________

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |